Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa, 4 ta’ Marzu 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużata | Is-Sinjura Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mil-minuti
3. Korrispondenza
4. Sistema tas-CCTV fil-Family Park
5. Ħaddiema Skema CWS
6. Laqgħa Annwali
7. Magazine
8. Bandli Ħal Luqa
9. Attivita kulturali għall Għid ġewwa Għawdex
10. Affarijiet oħra
11. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet

Kunsill Lokali – LUQA – Local Council
173, Triq il-Ġdida
Luqa

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana fuq punt 3.8 semma biex il-ħaddiema tal-kennies ikollhom ġkieket sofor.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Viċi Sindku semmiet li fuq il-book box li kienet issemmiet din tista ssir fejn il-Bandli bħala parti mill-proġett. Hija qalet li jkun hemm bżonn li din minn qabel jirranġawha u titties f' qagħda tajba.

3.2 Is-Sindku semma li issa kif jgħaddu l-festi tal-Għid jara fuq dil-ħaġa mal-ħaddiema.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li xi jiem ilu kien hemm post fuq il-Facebook fuq saringi li nstabu fi Triq il-Wilġa. Is-Sindku semma li fil-Bandli l-quddiem se jkun hawn sistema ta' CCTV. Is-Sindku semma li meta huwa appella lill-Pulizija fuq is-saringi ta' Triq il-Wilġa dawn kienu tneħħew immedjatament malli kellimhom.

3.4 Is-Sindku semma li kien qed jinnotta kemm kien qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku fi' Triq il-Ġdida fejn hemm il-Kunsill Lokali. Huwa semma li se jkun hemm bżonn li naraw kif ċertu vetturi jkun devjati f' partijiet oħra.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li tista ssir tabella li tindika li miċ-Ċentru ta' Ħal Luqa jgħaddu karozzi tat-trasport pubbliku biss.

3.6 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li tista ssir kampanja fejn anki nagħmlu propoganda biex jitnaqqas id-duħħan.

3.7 Kien hemm diskussjoni fuq dan l-item bejn il-membri tal-Kunsill. Is-Sindku ippropona biex nelenkaw il-punti u dawn inressquhom lit-Transport Malta.

3.8 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri ipproponiet li nistgħu norganiżżaw Car Free Day.

3.9 Il-Kunsillier Camilleri semma li nistgħu nimplimentaw li jkun hemm struzzjonijiet ma tal-Iskola fejn il-karozzi jwaqqfu t-tfal fil-viċin u dawn jinżlu għall Iskola. Is-Sindku semma li din tista tkun idea tajba imma xorta jkun hemm ir-riskju li jkun hemm xi tfal li jaqsmu t-Triq u jweġġgħu.

3.10 Is-Sindku ippropona li ssir laqgħa ma tal-Iskola u anki jkun hemm il-Pulizija biex jiddiskutu din il-problema sabiex tinstab soluzzjoni.

3.11 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li Transport Malta hemm nies esperti fuq id-disinn ta’ traffic management.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li kienu saru pjanti fil-passat fejn hemm inkluż li jsir bus shelter biex isir f’ Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku semma li huwa diġa kien tkellem fuq il-post m’ esperti fuq il-bus shelter għax kien hemm il-bankina dejqa.

3.13 Is-Sindku semma li fuq in-naħa ta Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra fil-parti fejn tmur għaż Żurrieq jista jsir il-parkeġġ u faċċata jsir bus stage.

3.14 Il-Kunsillier Caruana semma li jistgħu isiru tabelli biex minn jidħol jixtri mingħand il-Convenience Shop ikollu time limit kemm jista jdum biex jagħmel xirja. Il-Kunsillier Caruana semma li hawn jista jsir herring bone parking f’ dil-parti. Is-Sindku semma li bħala parkeġġ l-aħjar jibqa dritt billi b’ dan il-mod jista jkun perikoluż.

3.15 Il-Kunsillier Caruana semma li l-vann kien perikoluż mingħajr locks fil-parti ta’ wara. Is-Segretarju semma li huwa kien diġa ġab il-locks u kien se jieħu l-vann biex dawn isirulu.

3.16 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq il-globi taz-zuntier tal-Knisja. Is-Segretarju saqsieh kemm il-wieħed kien hemm li kellu bżonn jinbidel sabiex jibgħat lil xi ħadd mill-ħaddiema biex jixtruhom.

3.17 Il-Kunsillier Caruana semma li kienet waqgħet Fabiola fi Triq San Ġorġ għax kien hemm żewġ ħofriet. Is-Sindku semma li huwa se jibgħat il-ħaddiema biex jaraw fejn huma ħalli dawn jisewwew.

## 4.0 SISTEMA TAS-CCTV FIL-FAMILY PARK

4.1 Is-Sindku semma li kienet qed tiġi installata sistema tas-CCTV ġewwa l-Family Park.

4.2 Is-Segretarju qal li din is-sistema se nkunu nistgħu niċċekkjaw fuqha anki minn fuq il-computers personali.

4.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk din is-sistema tistax tkun li anki r-residenti jiċċekkjawha minn fuq il-computer tagħhom. Is-Segretarju qal li se jkun qed jiċċekkja ma minn qed jimplimenta s-sistema

## 5.0 ĦADDIEMA SKEMA CWS

5.1 Is-Sindku semma li l-ħaddiema li qabel kienu parti mill-Community Working Scheme issa kienu se jsiru tal-post. Huwa semma li lilhom kien tahom l-istruzzjonijiet kollha kemm huma biex huma jkunu skont ir-regola.

## 6.0 LAQGĦA ANWALI

6.1 Is-Sindku semma li trid issir il-laqgħa anwali bħala proċedura ta' kull sena. Huwa semma li jinqara r-rapport amministrattiv u jkun ippreżentat il-baġitt ukoll. Huwa semma li għal din is-sena din il-laqgħa tista ssir wara l-Għid. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

## 7.0 MAGAZINE

7.1 Is-Sindku semma li fuq il-magazine kien sar ħafna progress biex jinħareġ u kien mistenni li joħroġ fiż-żmien mistenni.

## 8.0 BANDLI ĦAL LUQA

8.1 Is-Sindku semma li fuq il-proġett tal-Bandli il-Kunsill Lokali kien ordna l-gym equipment u konna se naraw x' jista jsir bħala option tal-fences.

8.2 Il-Kunsillier Bruno semma li huma flimkien mas-Sindku kienu tkellmu ma tal-Bandli fejn dan qallu li skont il-proposta tal-Kunsill biex tinbidel l-entratura huwa ma kienx se jsib oġġezzjoni.

8.3 Il-Kunsillier Bruno semma li dan kien qallu li huwa kien urtat peress li kien hemm membru parlamentari li kien daħal fuq dal-punt u tqajjem fil-parlament.

## 9.0 ATTIVITA KULTURALI GĦAL GĦID ĠEWWA GĦAWDEX

9.1 Is-Sindku semma li se ssir ħarġa kulturali għall Għawdex fl-okkażżjoni tal-Għid. Huwa qal li matul din il-ħarġa se jżuru purċissjoni tal-Irxoxt ġewwa l-Qala u oħra ġewwa x-Xewkija. Wara se jmorru jieklu iż-Żebbuġ.

## 10.0 AFFARIJIET OĦRA

10.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li Triq Ħal Farruġ hija mudlama. Is-Sindku semma li huwa kien ressaq dan l-ilment direttament quddiem il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Enerġija waqt laqgħa tal-kabinett. Huwa semma li minn naħa tal-Enemalta diġa saru l-pjanijiet fuq l-ilment li ressaq biex hawn isir id-dawl. Is-Sindku semma wkoll li kien hemm ukoll l-Onor. Silvio Schembri li kompla għamel pressjoni minn naħa tiegħu biex f' din it-Triq isir id-dawl.

10.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li fi Triq San Vinċenz, Ħal Farruġ kien hemm nuqqas ta' kennies. Hija qalet ukoll li hawnhekk hawn ukoll problema bil-ħmieġ tal-klieb. Hija qalet li hemm bżonn li t-tabella li hemm tiċċaqlaq biex tmur f' parti fejn l-iktar li hemm bżonn.

10.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kellu telefonata minn residenti fejn dan qallu li huwa kien ivvota kontra l-isleeping policeman li kellha isir fi Triq ir-Rixtellu. Huwa qal li din l-informazzjoni kienet żbaljata.

10.4 Is-Sindku semma li fuq din l-isleeping policeman trid isir x' imkien f' din it-Triq fejn m' hemmx residenti minħabba l-istorbju li din tista tagħmel meta jgħaddu l-karozzi minn fuqha.

10.5 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li hemm parti fi Triq il-Gudja fejn m' hemmx dawl. Is-Sindku qal li din il-parti kien jaf liem hi u kien diġa irraporta fuqha. Is-Segretarju qal li huwa se jgħaddi minn hemm biex jara jekk hux l-istess parti fejn sar ir-rapport.

10.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li kien hemm talba minn residenti biex jużaw is-Sala li bagħatuha b' email. Is-Segretarju semma li huwa se jiċċekkja fuqha.

## 11.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

11.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti.

## 12.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fis-7.00 pm. Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-laqgħa li jmiss kienet se ssir l-istess ġurnata tal-laqgħa anwali imma qabel.

Konfermati llum ________________________2016.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv